11 ta' Marzu, 1955

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President*;
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Cassar et. *versus* Paolo Cassar et.

**Spoll — Passaġġ — Servitù Personali — Pussess — Kważi-Pussess — Art. 572 tal-Kap. 23.**

*Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza nostrali li, anki meta si tratta mhux ta' servitù vera u proprja, imma minn dik li tissejjaħ servitù personali, għax tkun pjuttost dritt ta' obligazzjoni, il-kważi-pussess tagħha huwa tutelabili bl-azzjoni possessorja kontra l-awtur tat-turbativa. Għax il-Liġi Maltija, f'materja ta' reintegrazzjoni, tikkuntenta b'pussess kwalunkwe.*

*Mil-banda l-oħra, meta diversi gabillotti jikru bċejjeċ diversi ta' raba' mingħand sid wieħed, dawk il-gabillotti, bis-saħħa ta' l-istess lokazzjoni lilhom magħmula, huma tenuti jirrispettaw il-"modus vivendi" dwar passaġġi, eċċ.*

*Biex il-gabillott jirnexxi fl-azzjoni ta' spoll minnu ntentata biex jiġi reintegrat fil-pussess ta' passaġġ li fih jippretendi li ġie turbat, jeħtieġlu jipprova li huwa għandu l-pussess jew kważi-pussess*

*eskluživ tal-passaġġ, u mhux biżżejjed li juri li għandu biss id-dritt li jgħaddi mill-passaġġ. Jekk ma jurix li għandu dan id-dritt eskluživ, allura l-att arbitrarju li jagħti lok għar-"remedium spolii" jkun inveċe tiegħu.*

*Għaldaqstant, meta si tratta mhux ta' servitù vera u proprja, imma ta' servizz personali bejn bċejjeċ ta' raba' ta' sid wieħed, il-gabillott ma jistax jippretendi li ġie kommess spoll għad-dannu tiegħu jekk ma jippruvax il-pussess eskluživ tiegħu ta' dak il-passaġġ, u lanqas ebda tfixkil fid-drittijiet tiegħu bl-użu tal-passaġġ mill-gabillotti l-oħra.*

Il-Qorti—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, wara li ppremettew li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-atturi jippossjedu rispettivament klawsurj "ta' Ħabel il-Ħażina", "tal-Ġilia", u "tal-Ħabel ta' Fuq", fil-kuntrada "tal-Virtù", Rabat, u jippossjedu flimkien il-mogħdija li tibda mill-wied, tittraversa l-għelieqi fuq imsemmija, u tispiċċa fil-biċċa art magħrufa "it-Tarf tal-Mejda", fejn jinsab ir-razzett tal-atturi; u billi reċentement il-konvenuti bdew jgħaddu fuq dina l-mogħdija mingħajr ebda dritt, u kontra l-kunsens tal-atturi; talbu li jiġu reintegrati fil-pussess tal-imsemmija mogħdija, u li l-konvenuti jiġu inibiti li jgħaddu mill-istess mogħdija fuq imsemmija, taħt il-komminazzjonijiet legali; b'riżerva tad-danni, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li ġew inġunti sabiex jissubixxu l-ġurament;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha qalu li huma jirrespinġu d-domandi tal-atturi, billi huma għandhom f'idejhom nofs ir-raba' u nofs ir-razzett in kwistjoni, u minn dejjem kienu jgħaddu mill-passaġġ in kontestazzjoni; b'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Ottubru 1954, li biha rreintegrat lill-atturi fil-kważi-pussess li għandhom billi ddikjarat li, meta l-konvenuti għaddew mit-tratt imsemmi fit-28 ta' Awissu 1944, ikkommettew spoll; u inibiet lill-istess konvenuti milli jgħaddu mit-tratt "XX"-"YY", indikat fil-pjanta li tinsab fil-fol. 107 tal-proċess, riżervati lil min u skond

il-liġi id-drittijiet kollha f'sedi petitorja; u ordnat li l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti; billi kkunsidrat;

Illi għall-aħjar komprensjoni tal-kawża huwa tajjeb li jinżamm quddiem l-għajnejn l-iskizz li jinsab fil-fol. 107 tal-proċess;

Illi mill-provi "hinc inde" prodotti jirriżultaw dawn il-fattijiet :—

*Omissis;*

Illi minn dawn il-provi jidher li l-kwistjoni kollha tir-raġġira ruħha dwar jekk il-konvenuti, meta għaddew minn dak *it-tratt tal-passaġġ in kwistjoni, ikkommettewx jew le* spoll;

Illi għall-eżerċizzju effikaċi tal-azzjoni li biha l-liġi, bl-art. 572 Kap. 23, fl-interess tal-ordni publiku u tal-publika trankwillità, tittutela b'mod eċċezzjonali l-pussess, ikun x'ikun, hemm bżonn tal-konkors riġoruż tal-estremi rikjesti mill-istess liġi, u ċjoè il-pussess mill-parti l-waħda u l-ispoll vjolent jew klandestin mill-oħra, barra milli l-istess azzjoni trid tiġi eżerċitata "infra bimestre";

*Illi fil-ġudizzju possessorju ta' l-ispoll, kif ukoll ta' fatt* pur, ma hemmx lok li jiġu rigwardati d-drittijiet tal-partijiet fil-konflitt; iżda l-eżami tat-titolu "ad colorandam possessionem" huwa ċertament permess, skond ma huwa mwettaq paċifikament mill-ġurisprudenza;

Illi, qabel xejn, jingħad li l-azzjoni tar-reintegrazzjoni għandha tiġi eżerċitata fi żmien xahrejn mill-fatt inġurjuż. Għal dan il-fini hemm lok li ssir distinzjoni dwar il-fattijiet li jissuċċiedu f'diversi stadji (bħal każ ta' kostruzzjoni ta' kanali, *jew ta' tħaffir ta' foss, kanali, et similia*), u dwar fattijiet li jkunu assolutament indipendenti wieħed mill-ieħor, b'mod li jkunu jirrappreżentaw każijiet distinti ta' spoll. Fl-ewwel ipotesi t-terminu għandu jiġi komputat mill-aħħar mument li "per sè" jikkompleta l-att inġurjuż, billi jattwa l-kondizzjoni ġuridika tal-ispoll; mentri fit-tieni ipotesi, billi l-fattijiet inġurjużi jkunu diversi, it-termini jibdew indipendentement wieħed mill-ieħor skond il-kompiment ta' kull wieħed minnhom. Fil-każ in diżamina, id-dritt tas-servitù *diskontinwa pretiż attakkat isofri* inġurja fl-ispoljat ta' kull

darba li l-ispoljatur jgħaddi minn fuq is-superfiċi li eservi għalih, u kwindi t-terminu għall-eżerċizzju tal-azzjoni jibda jgħaddi u jitwieled mal-kompletazzjoni indipendenti ta' kull darba li jsir (ara D'Avanzo, Enciclopedia Giuridica Italiana, Il Possesso paġ. 239 u ta' wara; Vol. XIII, P. II, 1939; u Carboni, Il Possesso ed i Diritti Reali, paġ. 179, para. 10, Bocca, 1916). Peress li l-aħħar spoll qabel l-att taċ-ċitazzjoni odjerna, preżentata fl-20 ta' Ottubru, 1944, sar fit-28 ta' Awissu, 1944, l-azzjoni ġiet eżerċitata fiż-żmien mitlub mill-liġi;

Illi l-latitudini tal-kliem użati mill-leġislatur fl-art. 572 tal-Kodiċi Ċivili, u l-prinċipji tradizzjonali li jiggovernaw l-azzjoni ta' l-ispoll, jirradikaw il-ħsieb fl-interpreti ta' l-istess liġi li fid-dispożizzjoni "de qua dicimus" hija kompriża tant iċ-"civilis possessio" kemm ukoll in-"naturalis possessio", kemm ukoll il-"quasi possessio", ċjoè, f'dina l-aħħar imsemmija, il-pussess tal-ħwejjeġ inkorporali jew drittijiet, bħal ma hija s-servitù diskontinwa (ara Annali Cassazione Firenze, 21 ta' Marzu, 1878, in re Moresco vs. Martini, Garzoni LL. CC. Vol. XII, P. I, Sez. I, paġ. 245, u Vol. XIX, P. I, Sez. I, Cassazione Torino, 30 Marzo, 1885, paġ. 338, in re Rusetti Cannusso). Huwa għalhekk li kwalunkwe pussess huwa meritevoli ta' protezzjoni, u l-estensjoni ta' dina l-protezzjoni hija tali li anki l-pussess li jitnissel minn "causa injusta" huwa difiż mill-liġi kontra l-ispoll vjolent u klandestin. Del resto, dina l-protezzjoni ta' dana l-pussess mhix radikata fuq id-dritt ta' proprjetà, iżda fuq il-fatt tal-pussess, li, għalkemm oġġettivament mhux kunsidrat bħala dritt, eppure, għall-importanza speċjali tiegħu, huwa bħala tali rikonoxxut u speċjalment protett. Kwindi anki l-pussess prekarju, jekk ikollu l-karattru esterjuri ta' pretiż dritt, huwa soġġett għall-protezzjoni;

Illi diversi raġunijiet li jitwieldu mill-provi juru li l-atturi kellhom il-pussess li trid il-liġi sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw l-azzjoni odjerna dwar it-tratt "XX" u "YY". Dawn ir-raġunijiet huma :—

*Omissis;*

Illi kwindi l-atturi kellhom il-kważi-pussess tat-tratt "XX"-"YY";

Illi l-konvenut Salvu Cassar ħa parti materjalment fil-futt inġurjuż flimkien ma' ħuħ Pawlu Cassar;

Illi, dwar illi l-ispoll sar "vi aut clam", għala fatt mhux negat, apparti li jirriżulta ampjament mill-provi li, meta l-konvenuti għaddew, huma għamlu hekk kontra l-volontà ta' l-atturi;

Illi kwindi l-azzjoni hija sostenibili;

Rat il-petizzjoni tal-konvenuti, li biha talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li d-domandi ta' l-atturi jiġu respinti; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

"Ex admississe", ir-raba' msemmi fiċ-ċitazzjoni hu bi qbiela;

Hu paċifiiku, però, fil-ġurisprudenza nostrali, li anki meta si tratta mhux ta' servitù vera u proprja, imma ta' dik li tissejjaħ servitù personali, għax tkun pjuttost dritt ta' obligazzjoni, il-kważi-pussess tagħha hu tutelabili bl-azzjoni possessorja kontra l-awtur tat-turbativa; appuntu għax il-Liġi Maltija tikkuntenta, f'materja ta' reintegrazzjoni, b'pussess kwalunkwe (Vol. XXIV-I-658);

F'dan il-każ, ir-raba' hu ta' sid wieħed — il-Mensa ta' l-Isqof; u kif isir is-soltu, il-gabillotti, bis-saħħa ta' l-istess lokazzjoni lilhom magħmula (ara, pereżempju, fol. 97 u fol. 100) huma tenuti jirrispettaw il-"modus vivendi" (kif f'każijiet simili sejħitlu din il-Qorti, in re "Galea vs. Galea", 29 ta' Novembru, 1948, Vol. XXXIII-I-361) dwar passaġġi, ecc.;

Ikkunsidrat;

*Hu ta' evidenza palmari li, sabiex l-atturi jistgħu jirnexxu fl-azzjoni minnhom intentata*, jeħtieġ li jippruvaw li huma għandhom il-pussess ossija kważi-pussess esklużiv tal-passaġġ "de quo". Mhux biżżejjed li juru li għandhom id-dritt li jgħaddu, imma hemm bżonn li juru li għandhom id-dritt li jgħaddu huma biss. Jekk ma għandhomx dan id-dritt "esklużiv", allura l-att arbitrarju, li jagħti lok għar-"remedium spolii", ikun inveċe tagħhom;

L-atturi, però, ma għamlu bl-ebda mod din il-prova tal-

pussess eskluživ. Il-passaġġ in parola mhux kompriż fl-ebda lokazzjoni partikulari tal-gabillotti ta' dawn l-artijiet tal-*Mensa (ara xhieda ta' Doublesin fol. 82-83). Lanqas ma ppru*vaw l-atturi li d-dritt tagħhom, għar-rigward ta' dan il-passaġġ, ġie imfixkel b'xi mod bil-passaġġ pratikat mill-konvenuti; u l-perit adoperat mill-Ewwel Qorti kkonkluda li l-użu tal-passaġġ mill-parti tal-konvenuti ma jagħmel ebda tfixkil jew ħsara lill-atturi (fol. 118, para. "c");

Hu ċar, għalhekk, li, trattandosi mhux ta' servitù vera u proprja, imma ta' servizz personali bejn bċejjeċ ta' raba' ta' sid wieħed, l-atturi ma jistgħux jilmentaw minn ebda spoll, ġa ladarba la ppruvaw *il-pussess eskluživ, u* lanqas ebda tfixkil fid-drittijiet tagħhom bl-użu ta' dak il-passaġġ mill-konvenuti. Sakemm l-atturi jistgħu jibqgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, u sakemm ma humiex imfixklin fihom, u ġa ladarba l-passaġġ "de quo" mhux kompriż fil-lokazzjoni partikulari tagħhom, ma jista' jkun hemm ebda spoll għad-dannu tagħhom. Jista', talvolta, ikun interessat is-sid;

Għaldaqshekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tiċħad it-talbiet ta' l-atturi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.